**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 2 ta' Mejju 2023**

Rikors Numru: 542/22 AL

A B

vs

C D B

(M.R. Numru 1361/1985)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet wara li kienu żżewġu fid-9 ta' Awissu 1985 skont c-certifikat hawn anness dokument bhala DBA1 l-partijiet ghaddew minn proceduri ta' separazzjoni permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti

tan-Nutar Dottor Herbert Cassar datat 21 ta' Lulju 1997 hawn annessi u mmarkat bħala Dok DBA1.

2. Illi l-partijiet ilhom għalhekk separati hamsa u ghoxrin sena.

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għar-rikorrenti għar-rikonċiljazzjoni bejniethom billi t-tnejn għandhom il- ħajjiet separati tagħhom.

4. Illi skont l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet rrinunzjaw ghal jedd ta' manteniment minghand xulxin.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq msemmija jissodisfaw r-rekwiżiti u kondizzjonijiet meħtieġa sabiex issir talba ghal divorzju skont l-artikolu 66B tal- Kodiċi Civili Kapitolu sittax tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet li kien sehh fid-9 t' Awwissu 1985.

2. Tordna lir-Registratur tal- Qorti sabiex fi żmien indikat mill-istess Qorti, sabiex jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat u nnutat fl-atti tar-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:

1. Illi hija ma topponiex ghat-talbiet kif dedotti b’dan illi ija mghandhiex tbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta’ Ottubru 2022;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Lulju 1997;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.